

Brussell, 24 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15231/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0339(NLE)

TRANS 534
COWEB 144
ELARG 141

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-emenda tal-Anness tar-Regoli Finanzjarji u l-Proċeduri tal-Awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, adottati skont id-Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport
fir-rigward tal-emenda tal-Anness tar-Regoli Finanzjarji
u l-Proċeduri tal-Awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport,
adottati skont id-Deċiżjoni Nru 2022/02
tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport¹ (it-“TKT”) ġie approvat f’isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392². Huwa daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju 2019.
- (2) Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport stabbilit mit-TKT (il-“Kumitat ta’ Tmexxija”) ġie stabbilit sabiex jiżgura l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tat-TKT.
- (3) Skont l-Artikolu 30 tat-TKT, il-Kumitat tat-Tmexxija huwa kompetenti biex jistabbilixxi r-regoli tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport (is-“Segretarjat Permanenti”). Skont l-Artikolu 35 tat-TKT, il-Kumitat tat-Tmexxija għandu s-setgħa li jadotta l-baġit tal-Komunità tat-Trasport u r-regoli ta’ governanza finanzjarja relatati.
- (4) Il-Kumitat tat-Tmexxija, matul il-laqgħa tiegħu li ser issir fl-4 ta’ Diċembru 2025, għandu jadotta deċiżjoni li temenda r-regoli li japplikaw għas-Segretarjat Permanenti meta jakkwista oġġetti, xogħlijiet jew servizzi f’ismu stess, kif stabbilit fl-Anness tar-Regoli Finanzjarji u l-Proċeduri tal-Awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, adottati skont id-Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Kumitat ta’ Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tal-15 ta’ Diċembru 2022 dwar il-proċedura riveduta għall-implimentazzjoni tal-baġit u l-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet, applikabbli għall-Komunità tat-Trasport (id-“Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Kumitat tat-Tmexxija”).

¹ ĠU L 278, 27.10.2017, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2017/1937/oj.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta’ Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/392/oj>).

- (5) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija minħabba li d-deċiżjoni ta' dak il-Kumitat ser ikollha effetti legali.
- (6) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni, peress li ser jissimplifika r-regoli attwali li jirregolaw l-akkwist mis-Segretarjat Permanenti ta' ċerti oġġetti u servizzi sempliċi u ta' valur baxx, li huwa meħtieġ għall-funzjonament xieraq kontinwu tas-Segretarjat Permanenti.
- (7) Għalhekk il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Tmexxija jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport stabbilit bit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (il-“Kumitat ta’ Tmexxija”) rigward l-emenda tal-Anness tar-Regoli Finanzjarji u l-Proċeduri tal-Awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, adottati skont id-Deċiżjoni Nru 2022/02 tal-Kumitat ta’ Tmexxija, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Bidliet tekniċi minuri għall-pożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President